**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2021**

**Rikors nru: 29/2021 AGV ;**

**AB**

**VS**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 21 ta' Jannar 2021, fejn espona bir-rispett u ikkonferma ;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fit- 28 ta' Settembru elfejn tlettax u minn liema zwieg ma twieldu ebda tfal;
2. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku datat 26 ta' Gunju 2015 ppubblikat min-nutar Dr. Vanessa Pool, kopja tieghu qed tigi hawn annessa;

**3.** Illi ghal dal-ahhar hames snin il-partijiet qatt ma kkomunikaw flimkien ghalhekk jissodisfaw il-kriterji tal- ligi, li ilhom iktar minn erba’ snin ma jghixu flimkien;

**4.** Illi m’ hemm ebda kwistjonijiet dwar manteniment jew dwar l-arretrati tal-istess;

**5.** Illi m’ hemm ebda tama ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

**6.** Ili r-rikorrenti jaf b’ dal-fatti personalment.

Ghaldaqstant , umilment ir-rikorrent jitlob lil din Onorabbli Qorti sabiex ;

1. Tippronunzja z-zwieg ta’ bejn il-partijiet li zzewwgu fit- 28 ta’ Settembru 2013 mahlul ghall-finiiet kollha tal-ligi ai termini tal-artikolu 66A(1) Kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, hekk kif titlob il-Ligi imsemmija.

Il-Qorti giet infurmata fis-seduta tas- 16 ta’ Frar 2021 li l-attur qed jaghti ruhu b’ tali divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |